**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

**28 ta' Marzu, 2021**

# DAWL FID-DLAM

Nhar il-Ħadd se niċċelebraw Ħadd il-Palm, il-jum li fih Ġesù daħal fil-belt ta' Ġerusalemm, il-jum li fih niesu ferħu bih u għajtu "Hosanna". Biex imbagħad ftit jiem wara jgħaddi minn ġrajjiet li mbagħad wassluh sal-passjoni u l-mewt. Dis-sena mhux se jkollna l-opportunità niltaqgħu flimkien bħala komunità fil-knisja biex niċċelebraw flimkien il-misteru tal-Għid. Dis-sena se nibqgħu niftakruha ħajjitna kollha.

Filwaqt li għaddejin minn din il-pandemija żgur li nħossuna mexjin f'"dalma" fuq livelli differenti: dalma għax ma niltaqgħux, dalma għax l-ekonomija qed tbati, dalma għal diffikultajiet finanzjarji, dalma ta' għejja minħabba li naqas il-kuntatt mal-għeżież u l-ħbieb. Ma ninsewx li f'ħajjitna nistgħu nitħaddtu minn dalma, propju għax jeżisti d-dawl. Aħna nittamaw kontinwament li ngħaddu mid-dlam għad-dawl. Għalkemm dis-sena ma aħniex se nassistu għall-funzjoni tal-Blandun, fil-lejl bejn is-Sibt u l-Ħadd, li aħna l-Insara nqisu bħala l-lejl l-iktar għażiż għalina, ejjew nitfgħu l-ħarsa tagħna fuq Kristu d-DAWL tagħna, Ġesù ħaj u preżenti.



Id-dalma tal-COVID-19 urietna kemm hemm dawl f'ħafna nies tajbin li ħarġu jdejhom biex jgħinu u jingħataw. Kristu jbiddel kull dalma f'dawl bil-qawmien tiegħu.

***L-Arċipriet***

**AVVIŻI OĦRA**

**IL-MUŻEW TAL-BNIET** ifakkar li l-lezzjonijiet tad-duttrina qed isiru online. Il-familji suppost li kollha ġew mgħarrfa bil-ġranet rispettivi u l-ħin. It-Tnejn (Year 3) fil-5:00pm, it-Tlieta (Year 4) fil-5:00pm, (Forms 2 u 3) fis-5:45pm, Il-Ħamis (Years 5 u 6) fil-5:00pm u l-Ġimgħa t-tfal tal-Griżma tal-Isqof fil-5:00pm.

**GĦOTI TAD-DEMM F'APRIL:** Il-Ħadd 11 u 25 mit-8:00am sas-1:00pm
It-Tlieta 6 u 20 mis-1:00pm sal-5:00pm
Bħal dejjem il-karta tal-identità hija meħtieġa.

## PROGRAMM TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

Il-funzjonijiet kollha jsiru bil-knisja magħluqa imma tistgħu ssegwu fuq Radju Luminaria, mnarjalive.com u l-paġna ta' Facebook tal-parroċċa.

**ĦADD IL-PALM**

*Il-knisja tkun miftuħa mit-8:00am sad-9:00am u bejn l-9:45am u l-11:00am.*

9:00am - Quddiesa bit-tberik tal-palm u ż-żebbuġ (tistgħu tiġbru l-palm xħin tkun miftuħa l-knisja)

11:00am u 5:00pm - Quddiesa

**ĦAMIS IX-XIRKA**

*Filgħodu l-knisja tiftaħ mit-8:00am sad-9:00am. Tqarbin ma jsirx.*

5:00pm - Tifkira Solenni tal-Ikla tal-Mulej. Wara l-quddiesa l-knisja tkun miftuħa għal talb privat sas-6:30pm.

**IL-ĠIMGĦA L-KBIRA**

*Il-knisja tkun miftuħa għal talb privat mit-8:00am sad-9:00am. Tqarbin ma jsirx.*

3:00pm - Tifkira Solenni tal-Passjoni tal-Mulej u Adorazzjoni tas-Salib. Wara l-funzjoni l-knisja tibqa' miftuħa sas-6:30pm. Tkunu tistgħu tagħmlu Adorazzjoni tas-Salib privata u mill-bogħod.

**SIBT IL-GĦID**

*Il-knisja ma tinfetaħx.*

8:00pm - Velja Solenni tal-Għid

**ĦADD IL-GĦID**

*Il-knisja tkun miftuħa mit-8:00am sad-9:00am u bejn l-9:45am u l-11:00am.*

Quddies - 9:00am, 11:00am u 5:00pm

**SENA ĊENTINARJA - 24:** Bħala għaqda Marjana, il-Leġjun jibni f'rabta kbira mal-Ispirtu s-Santu li jgħaqqad miegħu lil Marija, kemm fit-talb kif ukoll fil-wegħda li l-membri jindirizzaw lilu biex jgħixu u jkunu kollhom kemm huma ta' Marija.

**Waqt li l-knisja hija magħluqa dawn huma l-ħinijiet tal-quddies li qed jiġu mxandra fuq Radju Luminaria u l-mezzi tax-xandir tal-parroċċa.**

**Ħdud u Festi:** 9:00a.m., 11:00a.m. u 5:00p.m.
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 9:00a.m. u 5:00p.m.



**Infakkrukom li l-arloġġi jimxu siegħa 'l quddiem fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd.**